KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tad-39 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu, 2015 u li bdiet fis-1.05 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Philip Vella |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| **Uffiċċjali:** | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| **Ambaxxatur taż-żgħażagħ:** | Is-Sur Eric Gauci (kien skużat) |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, Il-Viċi Sindku nfurmat lill-Kunsill li s-Sindku nfurmaha li ser jattendi għal laqgħa tard għaliex kien Malta u għalhekk ser tippresidi l-laqgħa hi. Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 38 – 8, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari tar-rapport tal-evalwazzjoni tal-Offerta:

- **Tender SNT 04/2015 Resurfacing with Concrete of part of Triq Mġarr ix-Xini, Ta' Sannat with low life cycle environmental impact.**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill evalwa dawn l-offerti mixħuta minn ħames kuntratturi. Fir-rapport il-Perit qal li l-offerti ta' Gatt Tarmac Ltd., Vella Bros. Ready Mix Ltd. u Joe Cauchi kellhom żball aritmetiku. L-offerta ta' Peter Paul Said kienet l-aktar offerta rħisa u għalhekk issuġġerixxa li tingħata lil dan il-Kuntrattur. Il-Kunsill preżenti qabel ma dan u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex issir laqgħa apposta mall-kuntrattur bil-Perit tal-Kunsill preżenti. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għal dan ix-xogħol

għadu qed jistenna d-donazzjoni mill-Kumpanija Pelikola u qal li hu mhux ser jordna dan ix-xogħol qabel jirċievi l-ammont ta' €17,000.00c.

***Fis-1.35 p.m. daħal is-Sindku fil-kamra tal-laqgħat u kompla l-laqgħa hu.***

Evalwazzjoni tal-Offerta:

- **Tender SNT 06/2015 Servizz ta' Accountant**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din l-offerta nxtrat minn tlett kuntratturi u li għalqet illum stess, it-Tnejn 10 ta' Lulju 2015, f'nofsinhar. Dawn l-offerti nfethu waqt din il-laqgħa mis-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza tal-Kunsill.

Dawn huma:

| ***Kuntrattur*** | ***Ammont kull sena*** | ***Ammont għal xogħol ta' darba biss biex ix-xogħol jiġi up to date*** |
|---|---|---|
| Pauliana Said | €3200.00 | €1180.00 |
| Arthur Turner | €5168.40 | €826.00 |
| Sharon Zammit | €4800.00 | €500.00 |

Il-Kunsill ra jekk dak li kien rikjest fl-offerta kienx offrut kollhu mill-kuntratturi. Il-Kunsill sab li l-offerti kienu kollha mimlija kif suppost. Il-Kunsill qabel li l-offerta għal dan ix-xogħol għandha tingħata lill-irħas kuntrattur dik ta' Pauliana Said għall-prezz ta' €3200.00c fis-sena.

Evalwazzjoni ta' Kwotazzjoni:

- **Quotation SNT 04/2015 Manufacuter and installation of marble and granite coat-of arms of Ta' Sannat (għal proġett ta' M313 – 2nd call)**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għal din il-kwotazzjoni li għalqet illum, 10 ta' Awwissu 2015 sal-11.00 a.m., inxteħtet kwotazzjoni waħda biss dik ta':

| ***Kuntrattur*** | ***Ammont*** |
|---|---|
| Raymond Bonello | €850.00c |

Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni għandha tgħaddi għand il-Perit tal-Kunsill biex jara jekk il-prezz hux raġonevoli, fil-każ li jkun raġonevoli s-Segretarju Eżekuttiv għandu jordna din l-arma u dan ix-xogħol fl-art fin-nofs tal-Pjazzetta tax-Xelina.

## 3. Playing Field – Triq Marziena

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li jkun lest il-progett kollu fil-Pjazzetta tax-Xelina, il-Kunsill għandu jkompli x-xogħol fil-Playing field fi Triq Marziena biex jiġu wżati l-fondi li għad fadal mill-Urban Improvement Funds (MEPA). Ix-xogħolijiet ser jikkonsistu fir-rampa tal-entratura biex tkun aktar aċċessibli għal persuni bi bżonnijiet specjali u anke push chairs, playing

equipment ġdid (għal persuni bi bżonnijiet speċjali), gazibo fejn kien hemm il-merry go round, l-fencing u gate biex jingħalaq il-playing field filgħaxija. Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa apposta mall-Perit tal-Kunsill dwar dan ix-xogħol biex nippreparaw it-tenders u laqgħa oħra mall-U.I.F. unit (MEPA).

Is-Sindku semma wkoll li l-globi tal-fanali ta' Sannat Junction qrib il-Playing Field dan l-aħħar ġew misruqa. Hu qal li għamel rapport lill-Pulizija. Hu qal ukoll li kellem lill-Inġinier tal-Ministeru għal Għawdex biex dawn il-globi jiġu nstallati b'oħrajn ġodda minflokk mill-aktar fis.

## 4. The Organ Fesitival

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa apposta fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali dwar The Organ Festival mall-Baritnu Joseph Lia, fejn preżenti attenda hu, l-Kunsilliera responsabbli mill-Kultura Maria Cassar Sultana u s-Segretarju Eżekuttiv. Hu qal li waqt din il-laqgħa ġie diskuss li dan il-festival li ser isir fil-Knisja ta' Sannat bejn nofs Novembru u l-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2015, b'risq il-Malta Community Chest Fund u li ser jintużaw il-fondi mill-iskema dwar inizjattiva ta' Attivitajiet 2014 – 2015 mid-DLG. Is-Sindku qal li hu mportanti ħafna li nitulizzaw it-talent lokali għal okkażjonijiet bħal dawn.
Din l-attivita' ser tkun maqsuma fi tlett kunċerti differenti u għadu jrid jiġi diskuss id-dati u l-ħin ta dan li ġej:

- Kunċert - Il-Quddiesa ta' Hyden,
- Gala Evening Concert u
- Children's Festival

Ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa li saret li fic-Children's Festival ser isir tentattiv biex jinġabu żewġ korijiet tat-tfal mir-Russja u mill-Italja, għalhekk hemm bżonn li jintalbu l-prezzijiet tal-lodging fejn ser joqgħodu dawn it-tfal. Waqt dan il-kunċert tat-tfal għandu jintalab ukoll il-Kor tat-tfal tal-parroċċa tar-raħal biex jippartecipaw.
Is-Sopran Georgina Gauci għandha tintalab biex tippartecipa fil-Gala Evening Concert.
Il-Kunsill qabel li trid ssir laqgħa apposta mall-Arċipriet il-ġdid dwar din l-attivita'.
Is-Sindku qal li għandhom jintalbu sponsors mingħand diversi stabbilimenti u ditti.
Il-Kunsill għandu jaħseb għas-sistema tas-sound u dwal għal din l-attivita'.

## 5. Materji oħra

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntratturi Xerri Garden's Centre u Richard Cauchi li rebħu l-offerti għal-għamara u l-fanali dekorattivi tal-Pjazzetta tax-Xelina (Proġett M313 – 2nd call) infurmaw lill-Kunsill li l-għamara ser tasal tard, dan peress li l-għamara għandha tiġi mill-Italja u li bħalissa hemm il-Ferragosto u ma jistgħux jaslu qabel hawn Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li hu ġa nforma lill-GAGF dwar dan u l-Kunsill ser jiddiskuti dan fil-bilateral meeting li jmiss peress li l-Claim Forms għal pagamenti kellhom jaslu sa l-aħħar ta' Settembru. Barra dan il-Kunsill għandu jitlob lill-kuntratturi dikjarazzjoni minnhom fejn jgħidu li dawn sabu din il-problema u ma setgħux jgħamlu mod ieħor. Il-Kunsill qabel mas-Segretarju Eżekuttiv u għalhekk il-Kunsill ser jitlob lill-ARPA estensjoni sal-aħħar ta' Ottubru 2015.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bdiet titqatta trinka mill-Kumpanija Enemalta minn ħdejn is-substation tad-dawl minn l-isqaq ta' Triq Xamgħan għal Pjazza Santa Margerita u Triq Sannat għall-iskola primarja Ta' Sannat u li din it-trinka waqfet fl-isqaq ta' Triq

Xamgħan. Dan sar peress li l-Enemalta waqfet il-proċess. Is-Sindku qal li hu ser jgħamel laqgħa mall-Inġiniera tal-Enemalta biex jekk hu possibli l-isqaq ta' Triq Xamgħan, fejn qed issir din it-trinka fin-nofs ta' triq u li l-wiċċ ta' triq ser jitqatta kollu meta jerġa jingħata bil-konkos jsir stenciled. Dan peress li l-wiċċ ta' dan l-isqaq bil-konkos hu fi stat tajjeb. Il-Kunsill qabel ma dan.

3. Is-Sindku qal lill-Kunsill li saret talba lit-Taqsima tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex dan id-Dipartiment jgħin lill-Kunsill fil-qtugħ tal-ħaxix fi Triq tal-Gruwa peress li t-triq tinsab fl-istat li hi.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru għal Għawdex ħareġ l-offerta għal għoti bit-tarmak għal parti tal-wiċċ ta' Triq Ta' Ċenċ u li din l-offerta tagħlaq fil-21 ta' Awwissu 2015.

5. Is-Sindku qal lill-Kunsill li hemm bżonn li ssir laqgħa mac-Chief of Staff tal-Ministru Konrad Mizzi (Ministeru tal-Enerġija u Saħħa) dwar it-tibdil tal-mains tal-ilma qodma ta' Triq Gerxija u Triq Ta' Ċenċ u dwar l-Pumping Station ta' Mġarr ix-Xini biex jekk hu possibli din tiġi devoluta lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

6. Is-Sindku qal li hu ġibed l-attenzjoni kemm il-darba lill-Kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. biex Triq l-10 ta' Ottubru 1942 (PPP) fejn għandu jiġi rranġat bit-tarmak jiġi rranġat kemm jista jkun malajr.

7. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jitlob lill-Arċipriet il-ġdid biex ssir laqgħa miegħu.

8. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill biex il-permessi tal-Festa Sta. Margerita 2016 isiru b'mod aktar organizzat u li għal festa tas-sena d-dieħla ssir laqgħa apposta mall-hawkers li s-soltu jarmaw fil-ġimgħa tal-festa. Il-Kunsill qabel ma dan.

9. Il-Kunsill qabel li għandu jsir patching mill-aktar fis fi Triq Mġarr ix-Xini peress li fi triq hemm ħofor fondi u li dwar dan il-Kunsill qed jirċievi diversi lmenti minn persuni li jifrekwentaw din il-bajja.

10. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xi residenti talbuh biex jiġi organizzat kors tal-kompjuter. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill għandu joħroġ l-avviżi biex jara min hu nteressat u jara fejn ser isir dan il-kors.

11. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-Ġemellaġġ ma' Montefiascone kien hemm sfidi kbar ma pajjizi oħra barranin u li xtaqu l-istess. Is-Sindku qal li hu kien baqa' b'kuntatt kontinwu mas-Sindku Cimarello ta' Montefiascone u bi pjaċir habbar li minn naħa tal-Comune di Montefiascone aċċettaw it-talba tagħna. Għalhekk il-Kunsill għandu japplika għat-town twinning application mal-EU biex f'Lulju 2016 jekk ningħataw il-fondi jkollna delegazzjoni minn Montefiascone f'Ta' Sannat u jiġi ffirmat il-ġemellaġġ uffiċjali. Ma dan is-Sindku qal li fil-viċin jista jkun hemm bżonn li jsir viżita f'Montefiascone u li hemm bżonn ukoll li jsir coverage fuq din il-Belt ta' Montefiasone biex tingħata qabel prominenza vizwali permess ta' CVC Media lil pubbliku.

12. Is-Segretartju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 3 ta' Awwissu 2015, fl-10.30 a.m. fil-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem, hu attenda għal laqgħa li saret apposta dwar il-bdil tal-lampi l-ġodda f'Għawdex fejn ġie spjegat x'inhu jiġri eżatt dwar dan il-bdil tal-lampi tat-toroq.

13. Il-Kuntrattur tat-tindif tat-toroq urbani talab li ssir ittra bil-miktub fejn jgħid li l-Kunsill qed iqabbdu jiżbor is-siġra li tinsab l-barra mill-ħajt fi Triq il-Kbira fejn il-farm tal-Merill u li din hi ta periklu. Il-Kuntrattur qal li hu diġa qata' xi siġar oħra fl-istess triq. Il-Kunsill qabel ma dan biex jiġi evitatt kull periklu li jista jinqala f'din it-triq.

14. Il-Kunsilliera Margaret Said issuġġeriet lill-Kunsill li fuq talba mir-residenti, l-Kunsill għandu jerġa jorganizza ħarġa bit-train. Il-Kunsill qabel ma dan u din il-ħarġa ser issir nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2015, fis-6.30 p.m.

**Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

Memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali

Memo 17/2015 dwar Ġbir ta' Skart Separat
Memo 18/2015 dwar L-Att dwar ir-responsabbilta' Fiskali (KAP 534)

**6. Ħlas ta' Kontijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 18 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fis-2.40 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015, fis-1.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Philip Vella** | **Jason Curmi** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |